**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7519 — Repsol/Talisman Energy)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 93/10)

1. Fl-10 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Repsol, S.A. ("Repsol", Spanja) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Talisman Energy Inc. ("Talisman", il-Kanada), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Repsol hija preżenti fl-attivitajiet kollha relatati mal-industrija taż-żejt u tal-gass, inkluża l-esplorazzjoni, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali; attivitajiet ta' raffinar u ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti taż-żejt, prodotti petrokimiċi, gass tal-pitrolju likwifikat (liquefied petroleum gas, LPG) kif ukoll attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni relatati ma' gass naturali u gass naturali likwifikat (liquid natural gas, LNG),

— Talisman hija attiva fl-esplorazzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni, it-trasport, u l-bejgħ ta' żejt mhux maħdum, ta' gass naturali u ta' likwidi ta' gass naturali. L-attivitajiet ta' Talisman huma kkonċentrati fl-Amerika ta' Fuq, il-Baħar tat-Tramuntana, u l-Asja tax-Xlokk. Barra minn hekk, hija għandha assi fl-Amerika Latina, l-Afrika, il-Lvant Nofsani, l-Awstralja/Timor tal-Lvant, u l-Papwa Ginea Ġdida.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-fax (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-post, bin-numru ta' referenza M.7519 — Repsol/Talisman Energy fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.